

# S4.1 PERSONAĠĠI MALTIN

**S4.1.1**

Nagħmlu riċerka dwar it-tliet personaġġi msemmija.

**Riċerkat minn Ms Cynthia Gafà u Ms Therese Bonanno Siġġiewi**

## Dun Mikiel Xerri



Wieħed mill-personalitajiet Maltin li tassew għandna nkunu kburin bih huwa Dun Mikiel Xerri. Huwa twieled, kiber u għex f'Ħaż-Żebbuġ. Huwa laħaq qassis u anke fetaħ skola għal dawk in-nies li ma kellhomx flus biex iħallsu. Wara laħaq professur fl-Università ta' Malta, li dak iż-żmien kienet il-Belt u għalhekk mar joqgħod hemm.

Dun Mikiel Xerri kien jgħix fi żmien meta Malta kienet immexxija mill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Dawn bnew ħafna palazzi kbar fil-Birgu u fil-Belt Valletta, fejn bnew ukoll il-konkatidral ta' San Ġwann. Fl-1798 ġew Malta l-***Franċiżi***.

Dawn keċċew lill-Kavallieri u għalhekk bdew jikkmandaw huma. Il-Maltin mill-ewwel iddejqu bit-tmexxija tal-Franċiżi għax dawn ma kinux qalbhom tajba. Fost affarijiet oħra, kienu jisirqu l-aktar affarijiet prezzjużi mill-knejjes tagħna. Il-Maltin irvellaw kontra l-Franċiżi u keċċewhom mill-parti l-kbira ta' Malta. Għalhekk, il-Franċiżi kellhom jibqgħu msakkrin wara s-swar tal-Belt.

Grupp ta' Maltin qalbiena, bil-kap tagħhom Dun Mikiel Xerri, riedu jkeċċu għal kollox lill-Franċiżi minn Malta. Huma ħasbu fi pjan biex jagħmlu dan iżda b'xorti ħażina dan il-pjan inkixef. Dun Mikiel flimkien ma' xi erbgħin persuna oħra, ġew xkubettjati fil-Pjazza ta' quddiem il-Palazz fil-Belt fl-1799. L-aħħar kliem li lissen Dun Mikiel Xerri kien *Viva Malta*.

Għalkemm il-pjan ta' Dun Mikiel falla, il-Maltin baqgħu sa ma ħelsu mill-Franċiżi bl-għajnuna tal-Ingliżi. Fil-fatt, il-Franċiżi damu Malta sentejn biss u warajhom bdew jikkmandaw l-Ingliżi.

Dun Mikiel Xerri u sħabu jibqgħu magħrufin għall-qlubija tagħhom u nsejħulhom ***patrijotti*** jew ***eroj*** għax mietu għal pajjiżhom. Fil-Belt hemm monument li jfakkar din il-ġrajja. Fuq l-eżempju ta' nies bħal Dun Mikiel Xerri, bosta Maltin, għalkemm aħna poplu żgħir, qatt ma qtajna qalbna niddefendu lil art twelidna meta kien hemm bżonn.